MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1206/2007

**Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Franmar limited (C 12285)**

**vs**

**John Buttigieg u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2008 Mary Buttigieg assumiet l-atti tal-kawza *stante* l-mewt tal-konvenut zewgha fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Chris Grech (Detentur tal-Karta tal-Identita` 495676M) datat 16 ta' Novembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

## A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

Illi permezz ta' kuntratt datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 2007 quddiem in-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, anness u markat Dokument 'A', ir-rikorrenti akkwista b'titolu ta' bejgh porzjon art li tinsab fi Triq William Savona, kantuniera ma' Triq Massabielle f'San Gwann tal-kejl ta' circa mitejn u hamsa u erbghin metru kwadru (245mk), b'faccata ta' tilet qasab u nofs (3.5qasab) u fond ta' sabatax-il qasba lineari (17q) bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

Illi l-imsemmija porzjon art tikkonfina mit-tramuntana ma' Triq William Savona, mill-Grigal ma' Triq Massabielle u mil-Lbic ma' beni ta' John Buttigieg u ohrajn jew aventi kawza minnhom.

Illi fuq din il-porzjon art, ir-rikorrenti jhallas ic-cens relattiv lil Cuschieri Estates ta' Mercury House, 125 Old Mint Street, Valletta, liema kopja tal-ircevuta tac-cens hi markata bhala dokument 'B'.

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

## B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Illi ghall-ebda raguni valida skont il-ligi u b'mod abbuziv, ir-rikorrenti ma jistax jezercita d-drittjiet tieghu ta' proprjetarju assolut minhabba li l-konvenut ghalaq din il-porzjon art b'xatba, tant li r-rikorrenti m'ghandux access ghaliha u wisq anqas m'ghandu l-pussess taghha u ghalhekk il-konvenut qed jokkupa din l-art minghajr ebda titolu validu fil-ligi u ghaldaqstant b'mod illegali u abbuziv.

Illi dan l-agir da parti tal-konvenut qed jikkawza spejjez u danni lir-rikorrenti li bhala sid assolut tal-porzjon art ma jistax jaccessa u wisq anqas jiehu l-pussess ta' din l-art minhabba l-agir tal-konvenut.

Illi minkejja li kien interpellat b'ittra ufficjali, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza odjerna.

Illi jidher ukoll li l-konvenut, b'mod illegali u abbuziv, fetah access li jaghti mill-proprjeta' tieghu ghal fuq l-art tar-rikorrenti.

**C. TALBIET ATTRICI**

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tistabilixxi l-konfini veri u reali ta' bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti u tordna li jitqieghdu l-marki permanenti fir-rigward.

2. Sussidjarjament, tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa din l-art illegalment u tordna lil konvenut biex fi zmien qasir u perentorju jizgombra minn din l-art.

3. Tordna lill-konvenut li jregga' kollox ghall-i*status quo ante* u jaghlaq kull access fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo permezz ta' periti nominandi; u

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lir-rikorrenti d-danni minhabba l-agir irresponsabbli tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u b'riserva ghad-danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 12 tal-process.

Rat li din ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2008.

Rat ir-risposta guramentata ta' John Buttigieg (43135M) datata 11 ta' Dicembru 2007 a fol 18 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi huwa ircieva r-rikors fuq indikat fis-27 ta' Novembru 2007.

2. Illi sallum huwa ma irceviex l-affidavit minn ghand ir-rikorrent noe u lanqas dak kollu li hemm dikjarat u espost fid-degriet ta' din l-Onorabili Qorti tal-20 ta' Novembru 2007; a skans ta' xi inadempienza da parti tall-esponent, dan qieghed jippresenta din ir-risposta, u jirriserva li jippresenta risposta ulterjuri jekk u meta jircevi mir-rikorrent dak fuq espost u ordnat mill-istess Onorabili Qorti.

3. Illi d-difensur ta' Chris Grech noe, baghat ittra bid-data tat-22 ta' Mejju 2006 lil Joseph Buttigieg, li mhux involut fil-kas *de quo*, izda imissa giet mibghuta lill-esponent.

4. Illi circa ghaxar (10) snin ilu, peress li l-ghalqa hija adjacenti ghal triq pubblika, l-esponent gie mitlub mill-awtoritajiet governativi biex jaghmel xatba li, kif, intqal fuq, ilha hemm circa 10 snin. Quindi, meta Chris Grech noe akwista, kien jaf li x-xatba kienet tesisti.

5. Illi Salvina Pace, l'aventi kawza tal-ghalqa, qieghda thallas dak li hu dovut fuq l-ghalqa.
6. Jigi riservat id-dritt li jsiru sottomissjonijiet ohra wara li l-esponent jircevi dokumenti ulterjuri.

Rat in-nota tal-attur *nomine* datata 14 ta' Jannar 2008 a fol 24 tal-atti li permezz taghha pprezenta affidavit *ai termini* tar-risposta tal-konvenut.

Rat ir-rikors ta' Chris Grech datat 14 ta' Jannar 2008 fejn talab lill-Qorti tilqa' ir-risposta tal-hdax (11) ta' Dicembru 2007 bhala r-risposta ai fini tal-**artikolu 158 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili,** u tichad il-pretensjoni tal-intimat li jipprezenta risposta ulterjuri, galadarba dan ma jikkostitwixxiex l-adderenza kkorrett mal-ligi precedurali.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' April 2008 fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-attur prezenti li nforma lill-Qorti li l-konvenut miet fil-mori tal-kawza, allura trid issir il-legittimazzjoni tal-atti. Il-kawza giet differita ghal dan l-

iskop u sabiex l-attur jesebixxi l-atti kollha ndikati fil-verbal tal-15 ta’ Jannar 2008 jekk dan ghadu ma sarx ghas-17 ta’ Gunju 2008.

Rat in-nota tar-rikorrenti Chris Grech datata 19 ta’ Mejju 2008 a fol 32 tal-process li permezz taghha pprezenta tliet affidavits.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Chris Grech datata 19 ta’ Mejju 2008 a fol 41 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tawtorizzah li jipprocedi bil-legittimazzjoni tal-atti minflok l-intimat John Buttigieg u fit-tieni lok tahtar perit tekniku halli jaghmel il-kejl u jistabbilixxi l-konfini tal-imsemmija porzjon art kif delinejata fl-annessa pjanta; u l-Qorti, bid-digriet taghha moghti fl-20 ta’ Mejju 2008, laqghet l-ewwel talba u irriservat li tipprovdi dwar it-tieni talba wara l-legittimazzjoni tal-atti; u d-digriet tal-11 ta’ Gunju 2008 (fol 44), illi *in vista* tan-nota ta’ Mary Buttigieg li assumiet l-atti tal-kawza *stante* l-mewt ta’ John Buttigieg, din il-Qorti nnominat bhala Perit Tekniku sabiex jistabbilixxi l-konfini bejn il-proprjetajiet mertu tal-kawza odjerna u sabiex jaghmel il-kejl relattiv lill-Perit Mario Cassar a spejjez provizorjament tas-socjeta` attrici.

Rat in-nota ta’ Mary Buttigieg (ID 23944 G) datata 22 ta’ Mejju 2008 li biha iddikjarat li fil-mori tal-kawza miet John Buttigieg zewgha skont l-anness dokument immarkat (Dok “JB 1”) u  b’hekk assumiet l-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ Gunju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Victor Ragonesi ghall-konvenut u Dr. Giannella Busuttil ghall-atturi li talbet jigi nominat Perit Tekniku. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat wkoll lil Dr. Marco Ciliberti bhala Perit Legali. Dr. Ragonesi irrefera ghall-kawza 458/92 Qorti Kummercjali li marret dezerta fl-1 ta’ Lulju 1994. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-3 ta’ Dicembru 2008; u l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2008 fejn il-Qorti tat digriet affidavits konvenut ta’ erbghin (40) gurnata u wara tali terminu jigu ffissati zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-

konvenut. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-1 ta' April 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti flimkien max-xhieda quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm esebiti; u r-rapport tal-istess Perit Legali l-Avukat Dr. Marco Ciliberti li gie pprezentat ir-registru fis-6 ta' Mejju 2010 u mahluf fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2011 (fol 310).

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-Perit Mario Cassar ipprezentat fir-registru fid-19 ta' April 2010 u mahluf fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2011 (fol 331).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' April 2011 (fol 339) fejn deher Dr. Noel Camilleri ghar-rikorrenti li rrimetta ruhu ghar-rapport u Dr. Vincent Galea ghall-konvenut li talab jeskuti lill-Perit Legali u b'dan li kien ser jipprezenta domandi in eskussjoni. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata sabiex jippresenta nota b'tali domandi, bin-notifka lill-periti gudizzjarji u l-kontro-parti li jkollu/jkollhom ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex jirrispondu ghall-istess bil-miktub. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u okkorrendo ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta' Gunju 2011.

Rat in-nota tal-konvenut John Buttigieg (KI 43135M) datata 13 ta' Mejju 2011 a fol 340 tal-process illi permezz taghha annetta elenku ta' domandi in eskussjoni ghall-eventwali twegiba taghhom da parti tal-perit gudizzjarju legali Dottor Marco Cilberti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn peress li jidher li jonqos illi l-Perit Legali jirrispondi ghad-domandi maghmula lilu in eskussjoni, il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata minn dan id-digriet sabiex l-istess Perit Legali jirrispondi ghall-istess u jippresenta d-domandi fir-registru tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta' Jannar 2012.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti datata 22 ta' Dicembru 2011 a fol 345 tal-atti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kevin Camilleri Xuereb u Dr. Vincent Galea ghall-konvenut prezenti, u Dr Noel Camilleri ghall-attur. Il-Qorti awtorizzat lil Dr. Marco Ciliberti jikkonferma bil-gurament id-domandi in eskussjoni fir-registru. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta' oservazzjonijiet. Il-Qorti pprefiggiet erbghin (40) gurnata lill-attur ghal tali nota, bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro parti, li jkollu erbghin gurnata biex jirrispondi, b'dan li jekk ma ssirx in-nota tal-attrici fit-terminu ndikat jiskatta t-teminu ghan-nota tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Chris Grech noe datata 9 ta' Marzu 2012 a fol 349 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Mary Buttigieg datata 23 ta' April 2012 a fol 364 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta' l-attur Chris Grech noe datata 26 ta' Lulju, 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet akkwistat l-immobbli mertu tal-kawza odjerna skont kuntratt pubbliku datat 25 ta' Gunju 2007 (Dok. "A") u fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef minghand Salvina Pace, Carmel Buttigieg, Maria Dolores Aquilina u Sandra Darmanin u din l-art hija deskritta fl-istess kuntratt u kien

thalliet bhala legat minn Crocefisso Buttigieg in kwantu ghan-nofs indiviz lil Carmelo Buttigieg, Sandra Darmanin u Doreen Aquilina u in kwantu ghan-nofs indiviz iehor lil Maris Pace li wara l-mewt taghha sehemha ddevolva fuq Salvina Pace. Hemm pjanta tal-istess art esebita bhala Dok. "GC" (fol. 63) tal-process u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u l-Perit Tekniku ghandu jistabbilixxi posti fuq l-art attrici u jissepara l-istess mill-art adjacenti tal-konvenuti, b'dan li l-art tal-atturi ghandha tigi ndikata fuq il-lant b'posti appositi mill-Perit Tekniku skont il-pjanta fuq indikata Dok. "GC" u kif indikata mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu datata 19 ta' April 2010, b'dan li mir-rizultanzi ta' din il-kawza ma jirrizulta li l-konvenuti ma ghandhom ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess art ghalkemm qed jokkupaw l-istess bla ebda titolu validu fil-ligi. Fil-fatt l-azzjoni attrici maghrufa bhala *actio fini regundorum* hija intisa sabiex kull sid jgieghel lill gar tieghu jaghmel is-sinjali li jidhru sabiex il-proprjeta' tieghu tigi distinta mill-ohra u allura l-ghan ta' din l-azzjoni hija determinazzjoni oggettiva tal-fond u l-accertament ta' l-estensjoni tad-dritt ta' zewg proprjetajiet kontigwi ghal xulxin u b'hekk ittendi li telimina kull incertezza tad-demarkazzjoni bejn iz-zewg fondi u taghmel is-sitwazzjoni ta' fatt kompatibbli ghal dik ta' dritt (**"Champlain Company Limited vs Emanuel Debono et"** (P.A. (JRM) – 1 ta' Marzu 2004).

Illi f'din il-kawza ghandna sitwazzjoni fejn il-konvenuti qed jippretendu li huma ghandhom xi jedd fuq l-istess proprjeta' attrici tant li huwa ikkapparaw l-istess u dan billi dawru l-istess ghalqa b'hajt tal-gebel gholi 7 filati u ghamlu xatba bil-katnazz (Dok. "MC 1/3), fuq in-naha ta' wara fethu bieb li jaghti ghall-proprjeta' tal-konvenut (Dok. "MP 1", "MC 3"/1/2 (fol. 336) u fuq il-parti ta' wara tal-art ghamlu kamra zghira (Dok. "MC2/1" – fol. 335. Mela allura jidher li l-konvenuti qed jippretendu li xi pussess u dritt fuq l-istess art u mhux biss dak ta' servitu' u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici tissussisti legalment u qed tigi milqugha b'dan li attwalment u in forza ta' din id-decizjoni l-perit tekniku ghandu jindika il-konfini tal-proprjeta' tal-attrici, gja minnu indikata, b'mod li fuq il-fond jistabilixxi l-konfini ta' bejn il-proprjeta' attrici indikata fl-

istess kuntratt u dik kontigwa tal-konvenuti, kollox a spejjez tal-istess konvenuti, b'mod li qed jigi ddikjarat li fuq l-istess art mertu tal-kuntratt datat 25 ta' Gunju 2007 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef il-konvenut ma ghandhomx titolu ta' xejn u dak kollu li sar minnhom fuq l-istess art sar minnhom b'mod abbusiv, inkluz kull fetha, bieb, tieqa, hitan, u kmamar.

Illi f'dan il-kuntest kull argumentazzjoni li l-azzjoni attrici ma hijiex cara li manifestament bla ebda bazi ghaliex ma hemmx l-ebda dubju li l-azzjoni attrici hija dik sabiex jigu stabiliti l-konfini bejn il-proprjeta' attrici u dik kontigwa tal-konvenut u fil-fatt dan johrog car mir-rikors guramentat ( **"Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi"** (P.A. – 31 ta' Jannar 2003); (**"Maria Cini vs Lucia sive Lucy Saliba et"** (Mag. Ghaw. – 25 ta' Jannar 2008); (**"Alice Amato nomine vs Vivien B. DeGray M.V.O., M.B.E., nomine et"** (A.C. – 24 ta' Novembru 1958).

Illi stabiliti l-istess konfini jidher car li l-konvenuti qed jokkupaw l-istess art deskritta fl-istess kuntratt pubbliku datata 25 ta' Gunju 2007 (Dok. "A" – fol. 4) bla ebda titolu u illegalment u fil-fatt hekk huwa tant li l-eccezzjonijiet stess lanqas jindikaw li hemm xi titolu li l-konvenuti qed serjament ivvantaw fuq l-istess art u din hija l-unika konkluzzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha mir-risposta guramentata tal-konvenuti datat 17 ta' Dicembru 2007 (fol. 18). Fil-fatt l-ewwel eccezzjoni lanqas tista' tissejjah bhala tali; l-istess jista' jinghad fuq dik indikata bhala it-tieni eccezjoni; l-istess jista' jinghad dwar it-tielet eccezjoni; dwar ir-raba' eccezjoni li tghid li cirka 10 snin qabel kien inbena hajt mitlub mill-awtoritajiet governattivi dan bl-ebda mod ma jindika jew jaghti xi dritt fuq l-istess lill-konvenut, izda juri biss kif il-konvenut b'mod mill-iktar arroganti qed jippruvaw jappropriijaw ruhhom mill-istess art tal-attur nomine. B'hekk fil-verita' l-ebda wahda mill-eccezjonijiet ma ghandhom xi valur legali jew gudizzjarju li jistghu b'xi mod jimpedixxu li t-talbiet attrici jigu milqugha, u certament dak li jinghad fin-nota' ta' osservazzjonijiet irid ikun fil-kuntest tal-eccezjonijiet hekk imqajjma skont il-ligi, u mhux issir nota ta' osservazzjonijiet sabiex tohrog b'difizi li qatt ma tqajmu b'mod formali f'dik li llum hija r-

risposta guramentata. Fil-fatt jinghad li dik kienet l-unika risposta guramentata prezentata u ma hemmx lok li eccezzjonijiet ohra jitqajmu permess ta' atti ohra u f'dan il-kuntest jinghad li r-rikors tal-attur nomine tal-14 ta' Jannar 2008 qe qed jigi milqugh ghaliex abbazi tal-artikolu 158 (1) tal-Kap. 12 ma hemmx lok li jigi koncess il-prezentata ta' risposta ulterjuri, li fil-verita' lanqas biss intalbet. Hawn jinghad li gran parti tas-sottomissjonijiet maghmula fin-nota ta' osservazzjoni, ghalkemm jistaw jittiehdu bhala kritika tar-rapport gudizzjarju, izda bl-ebda mod ma ghandhom jittiehdu bhala eccezzjonijiet, ghaliex fil-verita' tali eccezzjonijiet qatt ma tqajmu, u ghalhekk jekk dan huwa dak li qed jittentaw jaghmlu l-konvenuti, dan ma jistax issir u huwa abbusiv tal-procedura gudizzjarja. Fi kwalunkwe kaz jidher li l-azzjoni attrici hija cara f'dak li qed titlob, b'mod li l-konvenuti ma kienu bl-ebda mod prekluzi li jiddefendu l-posizzjoni taghhom, u qatt ma indikaw li ma fehemux in-natura tat-talbiet attrici. Huwa ironiku li din il-Qorti thoss li kif formulati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fir-risposta guramentata taghhom lanqas biss jiftehmu legalment u guridikament, u huwa ghalhekk li kollha kemm huma qed jigu michuda. Din il-Qorti f'dan il-kuntest ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali fuq l-ewwel zewg talbiet attrici, u tiddikjara li mill-provi prodotti dawn ghandhom jintlaqghu ghaliex jissodisfaw il-vot tal-ligi u wkoll gew ippruvat mill-atturi u mill-atti kollha tal-kawza, u allura hemm lok li jigu stabiliti l-konfini bejn l-art mertu tal-kawza odjerna proprjeta' tal-attur nomine u l-proprjeta' tal-konvenuti, u jigi wkoll iddikjarat li l-konvenuti qed jokkupaw din l-art tal-attur nomine illegalment u abbusivament.

Illi dwar it-tielet talba attrici din hija wkoll konsegwenzjali ta' dak premess fl-azzjoni attrici u wkoll tal-fatt li giet milqugha l-ewwel talba ghaliex dan huwa konsegwenza tal-fatt li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda jedd fuq il-proprjeta' *de quo* u allura isegwi li l-konvenuti ghandhom jpoggu l-art tal-atturi fl-istat prestinu taghha libera franka, b'dan li jitnehha kull access jew ftuh huwa ta' liema natura huwa fuq l-istess art, u wkoll jitnehhew l-istrutturi kollha li l-konvenuti abbusivament ghamlu fuq l-istess art, b'dan li tali art tkun accessibbli ghall-attur nomine u bl-ebda mod

u taht ebda cirkostanza l-istess konvenuti ma ghandhom ikollhom xi access ghal fuq l-istess art u b'hekk din il-Qorti qed tinnomina lill-Perit Mario Cassar sabiex taht id-direzzjoni tieghu jinghalaq kull access jew apertura li l-konvenuti ghandhom fuq l-istess art a spejjez tal-istess konvenuti, u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur nomine sabiex dejjem taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett jaghmlu dak kollu necessarju sabiex jinghalqu tali access mill-konvenuti ghal fuq il-proprjeta' attrici u wkoll li jitnehha kull kostruzzjoni, u bini u kull haga ohra li l-konvenuti poggew u bnew fl-art tal-attur nomine. Dwar din it-tielet talba jinghad li ma jirrizultax bl-ebda mod li l-konvenuti qatt kellhom xi dritt ta' access jew xi forma ta' servitu fuq l-istess art u allura anke hawn dak li inghad fin-nota ta' osservazzjonijiet ma huwiex korrett; anzi fil-verita' abbusiv ghaliex dan ukoll lanqas tqajjem fir-risposta guramentata – fil-fatt in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti ma ghandha l-ebda konnessjoni mar-risposta guramentata tal-konvenuti, u kontinwament tqajjem punti li qatt ma tqajmu bhala eccezzjoni u dan ma huwiex konsentit gudizzjarment u jikkostitwixxi abbuz tal-procedura gudizzjarja,iktar u iktar meta n-nota tal-osservazzjonijiet ma taghmel bla ebda misthija l-ebda riferament ghal xi eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Illi dwar ir-raba' u l-hames talba attrici din il-Qorti thoss li dawn ma jistghux jintlaghu peress li ma kien hemm l-ebda prova ta' xejn f'dan ir-rigward. Dak li inghad fil-kawza **"Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd"** (P.A. (PS) – 13 ta' Ottubru 2004) ma ghandu qatt jittiehed fis-sens li l-attur ma ghandhux iressaq xi prova ta' danni; f'dan il-kaz prova ta' danni ma kienx hemm *ut sic* u fil-fatt ma hemm xejn mill-provi li juru d-danni li l-attur qieghed jippretendi. Dan l-oneru kien fuq l-attur nomine u naqas li jissodisfah.

Illi fl-ahhar jinghad li fin-nota' ta' osservazzjonijiet l-istess konvenuti jaghmlu referenza ghall-preskrizzjoni ta' tlettin sena, izda ma hemm l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens; b'mod mill-iktar zleali l-istess konvenuti jaghmlu riferenza ghall-nota ta' eccezzjoni f'dan is-sens li jidher li tqajmet fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Buttigieg et vs John Buttigieg"

(Citaz. Nru, 458/1992) liema kawza marret dezerta fl-1 ta' Lulju 1994. Biex il-konvenuti jghidu li b'hekk resqu din l-eccezzjoni f'din il-kawza ma hija xejn hlief falsita' gravi; il-fatt li l-eccezzjoni tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawza ma jfissirx li tista' tigi infilzata b'dan il-mod, izda li ssir talba formali sabiex tigi prezentata risposta guramentata ulterjuri, liema talba ma saritx, u l-fatt li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem anke fl-istadju ta' appell, ma jfissirx li allura tista tigi msemmija f'nota ta' osservazzjonijiet minghajr ma tkun inghatat formalment, u dan anke ghaliex il-Qorti lanqas tista' tezamina l-preskrizzjoni *ex ufficio* izda dik biss tempestivament u formalment mressqa mill-konvenut/i. Mela allura din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva li ma tqajmitx formalment mill-konvenut/i, u dan irendi anke taht dan l-aspett in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti bhala wahda in gran parti abbusiva tal-procedura gudizzjarja, ghaliex bl-ebda mod ma hija b'xi mod ibbazata fuq dak li l-konvenut/i qajmu fl-eccezzjonijiet taghhom fir-risposta guramentata taghhom. Dan huwa wkoll konfermat mill-fatt li l-konvenuti stess ghamlu riferenza ghas-sentenza **"Joseph Chetcuti nomine vs Peter Paul Camilleri"** (A.C. – 4 ta' Dicembru 1998 (u mhux 2008 kif indikaw il-konvenuti) u din id-decizjoni fil-fatt tirreferi ghall-eccezzjonijiet espressament moghtija u certament il-konvenuti jafu li f'din il-kawza huma fl-ebda stadju ma taw espressament din l-eccezzjoni u l-allegazzjoni biss li sar dan bla ebda riferenza hija minnha nfisha mod kif tipprova tisvija lill-Qorti u abbuz tal-proceduri gudizzjarji, li l-fatt li l-formalizmu mhux daqshekk rikjest, ma jfissirx li dawn ma ghandhomx jinghataw jew isiru skont kif il-ligi tipprospetta u b'rispett lejn il-process gudizzjarju u fuq kollox lejn il-Qorti. Kull kumment iehor ikun superflu pero' certament li kawza jew difiza ma ghandiex titmexxa b'dan il-mod abbussiv u ta' nuqqas ta' rispett lejn l-organi gudizzjarji. Dan huwa iktar gravi meta l-istess nota ta' osservazzjonijiet li qajmet dan il-punt datata 23 ta' April 2012 saret wara r-risposta in eskussjoni tal-perit legali datata 22 ta' Dicembru 2011 li kien attira l-attenzjoni tal-konvenuta ghal dan.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tal-konvenut datata 11 ta’ Dicembru 2007, u filwaqt li **tichad ir-raba’ u l-hames talba attrici** stante li dawn ma gewx ippruvati, **tilqa’ l-ewwel tlett talbiet attrici fis-sens biss hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tistabilixxi l-konfini veri u reali ta’ bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti tordna li jitqieghdu l-marki permanenti fir-rigward u dan kollox kif jirrizulta mid-deskrizzjoni tal-art indikata fil-kuntratt datat 25 ta’ Gunju 2007 u l-pjanta li tinsab esebita a fol. 63 tal-process u tinnomina lill-Perit Tekniku Mario Cassar a spejjez tal-konvenuta sabiex jaghmel marki permanenti fuq is-sit li jimmarka l-proprjeta’ tal-attur nomine indikata fl-istess kuntratt sabiex din tigi distinta minn dik tal-konvenuta

2. Tiddikjara li l-konvenut/a qed jokkupa jew tokkupa din l-art mertu tal-kawza odjerna u deskritta fil-kuntratt datat 25 ta’ Gunju 2007 illegalment u tordna lil konvenuta biex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza sabiex tizgombra minn din l-art.

3. Tordna lill-konvenuta sabiex taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar, li qed jigi nominat ghal tali skop a spejjez tal-konvenuta, l-istess konvenuta f’terminu qasir u perentorju ta’ sittin (60) il-gurnata mid-data ta’ din is-sentenza tregga’ kollox ghall-i*status quo ante* b’dan li jitnehhew kull binja u kull haga ohra hija x’inhi li nbniet jew tqeghdet mill-konvenuti fl-istess art tal-atturi kollox kif indikat f’din is-sentenza (nkluz ir-rapport tekniku) u nkluz li jinghalaq kull access fuq il-proprjeta’ tar-rikorrenti *da parte* tal-intimati huwa x’inhuwa l-istess access u fin-nuqqas li dan issir fit-terminu hawn moghti lill-konvenuti, l-atturi huma awtorizzati sabiex taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar, li qed jigi nominat ghal tali skop a spejjez tal-konvenuta, jaghmlu tali xogholijiet huma a spejjez tal-istess konvenuta.

4. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

5. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, hlief tar-raba’ u l-hames talba attrici li huma a karigu tal-attur nomine.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------